A.L. 59 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Ordinamenti għad-Diploma fil-"Guidance" u "Counselling"

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn l-Ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 35(1) ta' dak l-Att, u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta, skond kif jirrikjedi l-Artikolu 35(2) ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn l-Ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti għad-Diploma fil-*Guidance* u *Counselling*, u jgħoddu biss għal korsijiet mibdija fl-1990 jew wara.

Ordinamenti għad-Diploma fil-"Guidance" u "Counselling"

(Igħoddu għal korsijiet mibdija fl-1990 jew wara)

1. **Kwalifiki għad-Dħul**

1.1 Kandidat jitħalla jidħol għall-kors tad-Diploma fil-*Guidance* u *Counselling* jekk ikollu kwalifika fit-tagħlim rikonoxxuta lokalment flimkien ma' ħames snin esperjenza fit-tagħlim.

1.2 Tingħata preferenza lil għalliem kwalifikat li meta japplika jkun formalment f'xogħol ta' *Guidance* u *Counselling*.

2. **Il-Programm tal-Kors**

2.1 Il-programm tal-kors ikun magħmul minn minimu ta' 30 unità ta' studju fil-komponenti tal-kors li ġejjin:

A.	Psikoloġija ta' l-Edukazzjoni, Żvilupp Uman u Htiġijiet Edukattivi Speċjali	6 unitajiet
B.	*Guidance* u *Counselling*	12-il unità
C.	Xejriet Soċjo-Kulturali ta' l-Edukazzjoni	2 unitajiet
D.	Miżuri u Statistika, Kostruzzjoni tat-Test u Żamma tar-Rekords	3 unitajiet

E. Xejriet Professjonali ..... 2 unitajiet

F. *Essay* Twil/Proġett ..... 5 unitajiet

2.2 Il-kors, li hu mifrux fuq perijodu ta' sentejn studju *part-time*, ikun maqsum f'żewġ partijiet ta' sena l-waħda.

2.3 Kandidat irid jispiċċa l-kors f'mhux anqas minn sentejn u f'mhux aktar minn tliet snin, jekk mhux b'permess mogħti mis-Senat għal raġunijiet speċjali u fuq il-parir tal-Bord tal-Fakultà.

3. **Il-Valutazzjoni**

3.1 Kandidat jitqies li jkun issodisfa l-kriterji tal-valutazzjoni tal-kors jekk:

(a) itemm b'suċċess l-Ewwel u t-Tieni Parti tal-kors;

(b) igħaddi mill-Eżami Finali;

(ċ) jippreżenta b'suċċess l-*Essay* Twil jew il-Proġett.

3.2 Kandidat irid itemm b'suċċess l-Ewwel Parti tal-kors qabel jitħalla jgħaddi għat-Tieni parti.

3.3 Kandidat itemm b'suċċess kull parti tal-kors jekk iġib minimu ta' ħdax-il kredtu f'dik il-parti.

3.4 Ir-riżultat li jinkiseb f'kull unità ta' studju jingħata wieħed minn dawn il-gradi skond il-mertu: A, B, Ċ, D f'ordni dixxendenti: F tfisser li l-kandidat weħel.

3.5 Kandidat ma jitħalliex ikompli l-kors jekk ma jġibx minimu ta' disa' kredti f'kull parti tal-kors.

3.6 Kandidat li f'parti jew oħra tal-kors iġib minimu ta' disa' kredti iżda ma jġibx ħdax-il kredtu jitħalla jirrepeti darba l-unitajiet li jkun weħel fihom fi żmien sena mill-bidu ta' dik il-parti. Dawk il-kredti li jġib l-istudent wara li jkun irrepetihom jingħataw l-inqas grad.

3.7 Kandidat irid iġib ta' mill-inqas il-marka minima aggregata biex jitqies li jkun għadda fl-Eżami Finali li jkun magħmul minn żewġ karti sinottiċi. Kandidat li jeħel mill-Eżami Finali jitħalla jerġa' jagħmlu darba biss fi żmien sena mit-tmiem tal-kors. L-ogħla marka li jista' jġib hija l-marka minima li biha jgħaddi.

3.8 Kandidat jinħtieġlu jippreżenta b'suċċess *Essay* Twil ta' bejn wieħed u ieħor tmint elef kelma, jew Proġett meqjus ta' kwalità akkademika ekwivalenti. Kandidat li jeħel mill-*Essay* Twil/Proġett jitħalla jerġa' jippreżentah darba waħda matul perjodu ta' mhux itwal minn tnax-il xahar.

4. **Iċ-Ċertifikazzjoni**

4.1 Meta l-kandidat itemm il-kors b'suċċess, jingħata d-Diploma fil-*Guidance* u *Counselling*.

5. **Applikabilità**

5.1 Dawn l-Ordinamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1990 jew wara.